



A7-0424/2013

2.12.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (COM(2013)0327 – C7-0167/2013 – 2013/0169(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Agnès Le Brun

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	37
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS	40
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	44
PROĊEDURA.....	67

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (COM(2013)0327 – C7-0167/2013 – 2013/0169(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0327),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 294(2), 43(2) u 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0167/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-16 ta' Ottubru 2013¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0424/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 0, 0.0.000, p. 0.

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Barra minn hekk, **fil-proposta tagħha għal qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' emerġenza bħala reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Konsegwentement, fil-każ ta'** ċirkostanzi eċċezzjonali bħal sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali, meta l-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura baġitarja 3 ma jkunux suffiċjenti iżda jkunu meħtieġa miżuri ta' emerġenza, **il-fondi mir-Riżerva għall-kriżi fis-settur agrikolu għandhom jiġu trasferiti** b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-... bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba.

¹⁰ ĠU C.,, p. .

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-Unjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-fondi jintefqu tajjeb iżda wkoll li tiegħu miżuri biex twieġeb għall-ħtieġa li tissemplifika l-programmi ta' nfiq tagħha **sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-benefiċjarji tal-fondi u għall-atturi kollha involuti**, skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

Emenda

(7) Barra minn hekk, **għandu jiġi pprovdut finanzjament fil-livell tal-Unjoni biex jiġu ffaċċjati** ċirkostanzi eċċezzjonali bħal sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali, meta l-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura baġitarja 3 ma jkunux suffiċjenti iżda jkunu meħtieġa miżuri ta' emerġenza. **Il-finanzjament għall-iffaċċjar ta' kriżijiet bħal dawn għandu jiġi mobilizzat bl-użu, pereżempju, tal-istrument tal-flessibbiltà**, b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-... bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba

¹⁰ ĠU C , , p. .

Emenda

(10) L-Unjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-fondi jintefqu tajjeb iżda wkoll li tiegħu miżuri biex twieġeb għall-ħtieġa li tissemplifika l-programmi ta' nfiq tagħha skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea.

lill-Kumitat tar-Reġjuni -
Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni
Ewropea¹¹. *Għal raġunijiet ta' kost-
effettività, kemm fil-livell tal-Kummissjoni
kif ukoll tal-Istati Membri, l-għotjiet taħt
ċertu limitu massimu ma għandhomx
jingħataw aktar.*

¹¹ COM(2010) 543 finali.

¹¹ COM(2010) 543 finali.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 86 u bħala eċċezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 130 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza koperti bl-Artikoli 7 u 17 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli mid-data ta' notifika tal-okkorrenza ta' marda jew il-preżenza ta' pest mill-Istat Membru lill-Kummissjoni minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli ta' dawk il-miżuri. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli għandhom isiru mill-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-pagamenti ppreżentati mill-Istati Membri, *bl-użu, jekk ikun xieraq u meħtieġ, tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu.*

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 28

Emenda

(22) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 86 u bħala eċċezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 130 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza koperti bl-Artikoli 7 u 17 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli mid-data ta' notifika tal-okkorrenza ta' marda jew il-preżenza ta' pest mill-Istat Membru lill-Kummissjoni minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli ta' dawk il-miżuri. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli għandhom isiru mill-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-pagamenti ppreżentati mill-Istati Membri.

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti fuq il-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil u l-emenda tal-listi tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament mill-Unjoni, kif ukoll it-twaqqif ta' programmi ta' ħidma. Meta temenda l-lista ta' mard tal-annimali li jikkwalifikaw għall-finanzjament tal-miżuri ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tqis il-mard tal-annimali li jrid jiġi notifikat skont id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità***¹⁵. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹⁶.

¹⁵ *ĠU L 378, 31.12.1982, p.58*

¹⁶ *ĠU L 55, 28.2.2011, p.13*

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' ħidma annwali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni***¹⁶.

¹⁶ *ĠU L 55, 28.2.2011, p.13*

Sabiex jiġu supplimentati jew modifikati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' żidiet fil-listi ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għall-

finanzjament tal-Unjoni, il-prijoritajiet li għandhom jiġu riflessi fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, il-kriterji essenzjali ta' valutazzjoni tal-programmi nazzjonali, u l-lista ta' kompiti speċifiċi partikolarment importanti għall-Unjoni li jibbenefikaw minn rata ta' 100 % ta' finanzjament tal-Unjoni.

Meta tkun qed iżżid mal-lista ta' mard tal-annimali li jikkwalifika għall-finanzjament tal-miżuri ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tqis il-mard tal-annimali li jrid jiġi notifikat skont id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità^{16a}.

^{16a} *ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58.*

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni tal-listi tal-bidu tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi li jikkwalifikaw għal finanzjament fil-qasam tas-saħħa tal-annimali, minħabba li daww il-listi tal-bidu għandu jkun fihom biss, mingħajr ebda modifika, il-mard tal-annimali u ż-żoonożi li diġà jikkwalifikaw għal tali finanzjament skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju.

Emenda

imħassar

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mir-regoli tal-Unjoni:

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mir-regoli tal-Unjoni **u, f'ċerti każijiet, mir-regoli nazzjonali:**

Emenda 8

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

(e) dwar il-miżuri protettivi kontra organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti kif definit fid-Direttiva 2000/29/KE (minn hawn 'il quddiem: "pesti");

Emenda

(e) dwar il-miżuri protettivi kontra organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti kif definit fid-Direttiva 2000/29/KE (minn hawn 'il quddiem: "pesti") **u fid-dritt nazzjonali fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi;**

Emenda 9

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b – sottopunt ii**

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tnaqqis kumplessiv tal-parametri tal-mard bħalma huma l-inciċdenza, il-prevalenza u l-ġhadd ta' tifqigħat;

Emenda

(ii) tnaqqis kumplessiv tal-parametri tal-mard bħalma huma l-inciċdenza, il-prevalenza u l-ġhadd ta' tifqigħat, **jew tal-inqas iż-żamma ta' livell għoli tas-saħħa tal-annimali;**

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5*, il-limitu massimu għan-nefqa msemija fl-Artikolu 1 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ammont massimu ta' EUR 1 891,936 miljun bil-prezzijiet attwali.

Emenda

1. Il-limitu massimu għan-nefqa msemija fl-Artikolu 1 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ammont massimu ta' EUR 1 891 936 miljun bil-prezzijiet attwali.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 5

L-użu tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-miżuri ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza koperti mit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat-Titolu II u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu II tista' tiġi ffinanzjata wkoll skont il-punt (e) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru XXX/201X tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

Emenda

imħassar

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Rati massimi **u ammont minimu** tal-
għotjiet

Emenda

Rati massimi tal-għotjiet

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) attivitajiet transkonfinali implimentati flimkien minn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex jikkontrollaw jew jeqirdu l-pesti jew il-mard tal-annimali;

Emenda

(a) attivitajiet transkonfinali implimentati flimkien minn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex jikkontrollaw, **jipprevjenu** jew jeqirdu l-pesti jew il-mard tal-annimali;

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) azzjoni kollettiva dwar is-saħħa tal-pjanti jew tal-annimali għall-kontroll, il-prevenzjoni jew il-qerda ta' pesti jew mard tal-annimali, imwettqa minn gruppi ta' operaturi jew organizzazzjonijiet professjonali kkostitwiti legalment iffurmati minn persuni rregolati bid-dritt pubbliku jew privat, iżda li jeskludu d-detenturi tal-annimali ta' kumpanija jew it-tobba veterinarji;

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) L-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross għal kull abitant abbażi tal-aħħar dejta tal-Eurostat ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni;

Emenda

(b) L-Istati Membri **jew reġjuni** li l-introjtu nazzjonali gross **tagħhom** għal kull abitant abbażi tal-aħħar dejta tal-Eurostat ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni;

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rata massima msemija fil-paragrafu 1 tista' tizzied għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli fejn l-attivitajiet li jibbenefikaw minn kontribuzzjoni tal-Unjoni:

(a) jikkonċernaw **il-kontroll** ta' riskji serji għas-saħħa għall-Unjoni;

(b) huma kompiti speċifiċi ta' importanza partikolari għall-Unjoni, **kif ġie rikonoxxut espliċitament mill-Kummissjoni fil-programm ta' ħidma adottat skont l-Artikolu 35(1)**; jew

(c) huma implimentati f'pajjiżi terzi.

Emenda

3. Ir-rata massima msemija fil-paragrafu 1 tista' tizzied għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli fejn l-attivitajiet li jibbenefikaw minn kontribuzzjoni tal-Unjoni:

(a) jikkonċernaw **il-prevenzjoni u l-kontroll tul il-katina alimentari kollha** ta' riskji serji għas-saħħa **tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti** għall-Unjoni, **abbażi tal-kriterji msemija fit-tieni subparagrafu u, fejn ikun xieraq, opinjoni mogħtija mill-EFSA**;

(b) huma kompiti speċifiċi ta' importanza partikolari għall-Unjoni **stabbiliti mill-Kummissjoni kif imsemmi fit-tielet subparagrafu**; jew

(c) huma implimentati f'pajjiżi terzi.

Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 38a, li jistabbilixxu l-kriterji li għandhom jintużaw biex jiġi determinat x'jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti għall-Unjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 38a, li jistabbilixxu l-kompiti speċifiċi li huma ta' importanza partikolari għall-Unjoni.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Ma għandha tingħata l-ebda għotja ta' inqas minn EUR 50 000.

imħassar

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri sar-rati massimi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), (2) u (3) għall-miżuri meħuda f'każ li tiġi kkonfermata l-okkorrenza ta' waħda mill-mard tal-annimali elenkati skont l-Artikolu 8, b'kundizzjoni li l-miżuri jkunu ġew applikati immedjatament u d-dispożizzjonijiet applikabbli stabbiliti fil-leġislażzjoni rilevanti tal-Unjoni jkunu ġew imħarsa.

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri sar-rati massimi stabbiliti fl-Artikolu 6(1), (2) u (3) għall-miżuri meħuda f'każ li tiġi kkonfermata l-okkorrenza ta' waħda mill-mard tal-annimali elenkati skont l-Artikolu 8, b'kundizzjoni li l-miżuri jkunu ġew applikati immedjatament u d-dispożizzjonijiet applikabbli stabbiliti fil-leġislażzjoni rilevanti tal-Unjoni jkunu ġew imħarsa. ***Jistgħu jingħataw għotjiet lill-Istati Membri wkoll fir-rigward ta' miżuri li diġà ġew applikati f'każijiet fejn għet suspettata tifqigħa ta' tali mard u dak is-suspett sussegwentement ġie kkonfermat.***

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-lista ta' mard tal-annimali li jikkwalifikaw għal finanzjament skont l-Artikolu 7. *Dik il-lista għandha tinkludi l-mard tal-annimali msemmija fl-Artikoli 3(1), 4(1), 6(2) u 14(1) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat b'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' dan ir-Regolament.*

1. *Il-lista ta' mard tal-annimali li jikkwalifika għal finanzjament skont l-Artikolu 7 tinsab fl-Anness I.*

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, temenda l-lista ta' mard tal-annimali stabbilita skont il-paragrafu 1, filwaqt li jitqies il-mard tal-annimali li jrid jiġi notifikat b'konformità mad-Direttiva 82/894/KEE u l-mard li x'aktarx jikkostitwixxu theddida ġdida għall-Unjoni minħabba l-impatt sinifikanti tagħhom fuq:

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 38a, li jemendaw l-Anness I biex jiġi inkluż il-mard tal-annimali li jrid jiġi notifikat b'konformità mad-Direttiva 82/894/KEE u l-mard li x'aktarx jikkostitwixxu theddida ġdida għall-Unjoni minħabba l-impatt sinifikanti tagħhom fuq:

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).

imħassar

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-ispejjeż ta' kumpens għas-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula, fil-limitu tal-valur fis-suq tal-annimali immedjatament qabel *ma jkun tbiċċru jew inqatlu*;

Emenda

(a) l-ispejjeż ta' kumpens għas-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula, fil-limitu tal-valur **normali** fis-suq tal-annimali immedjatament qabel **ma qam jew ġie kkonfermat kwalunkwe suspett tal-marda**;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) it-tbiċċir ta' annimali ta' speċijiet suxxettibli li huma milquta jew ikkontaminati jew li hemm suspett li huma milquta jew ikkontaminati, u l-gerda tagħhom;

Emenda

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' orijini mill-annimali, fil-limitu tal-valur fis-suq ta' daww il-prodotti immedjatament qabel *ma jinqerdu*;

Emenda

(b) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' orijini mill-annimali, fil-limitu tal-valur **normali** fis-suq ta' daww il-prodotti immedjatament qabel **ma qam jew ġie kkonfermat kwalunkwe suspett tal-marda**;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) f'każijiet iġġustifikati, l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għat-telf imġarrab minħabba t-telf tal-valur fis-suq tal-annimali tagħhom li jkunu ġew sottomessi għal kampanji ta' tilqim ta' emerġenza;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) f'każijiet ġustifikati, l-ispejjeż tal-kumpens lis-sidien għall-korrimenti tat-tqala u kwalunkwe tnaqqis fil-produzzjoni wara kampanja ta' tilqim ta' emerġenza;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) l-ispejjeż ta' kumpens lill-operaturi għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bijosigurtà msaħħa bħala parti minn azzjoni kollettiva;

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ispejjeż ta' tindif, diżinsettizzazzjoni u diżinfekzjoni tal-azjendi u tat-tagħmir;

Emenda

(c) l-ispejjeż ta' tindif, diżinsettizzazzjoni u diżinfekzjoni tal-azjendi u tat-tagħmir **speċifiku għall-marda**;

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-ispejjeż għall-qerda tal-għalf kontaminat u, fejn ma jistax jiġi diżinfettat, **it-tagħmir** kontaminat;

Emenda

(d) l-ispejjeż **tat-trasport u** għall-qerda tal-għalf kontaminat u, fejn ma jistax jiġi diżinfettat, **tat-tagħmir** kontaminat;

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt f**

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-ispejjeż tat-trasport tal-karkassi sal-impjanti tal-ipproċessar fejn applikabbli;

Emenda

(f) l-ispejjeż tat-trasport, **tal-ipproċessar u tar-rimi** tal-karkassi sal-impjanti tal-ipproċessar fejn applikabbli;

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Bħala eċċezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 130(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli mid-data **tan-notifika tal-okkorrenza** tal-marda **mill-Istati Membri** lill-Kummissjoni.

Emenda

Bħala eċċezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 130(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli mid-data **meta l-marda tiġi suspettata. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw** lill-Kummissjoni **dwar l-okkorrenza** tal-marda **minn dik id-**

data.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għal għotjiet skont l-Artikolu 10. Dik il-lista għandha tinkludi l-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/470/KE. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat b'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' dan ir-Regolament.*

Emenda

1. *Il-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għal għotja skont l-Artikolu 10 tinsab fl-Anness II.*

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni *tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, temenda l-lista stabbilita skont il-paragrafu 1, billi* tqis

Emenda

Il-Kummissjoni *għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 38a, biex iżżid mal-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi li tinsab fl-Anness Ia, filwaqt li* tqis:

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-

Emenda

imħassar

*proċedura ta' eżami msemmija fl-
Artikolu 39(3).*

Emenda 35

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula fil-qafas tal-programm nazzjonali, fil-limitu tal-valur fis-suq tal-annimali immedjatament qabel ma *jkunu tbiċċru jew inqatlu*;

Emenda

(c) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula fil-qafas tal-programm nazzjonali, fil-limitu tal-valur *normali* fis-suq ta' *dawk* l-annimali immedjatament qabel ma *qam jew ġie kkonfermat kwalunkwe suspett tal-marda*;

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) it-tbiċċir tal-annimali ta' speċijiet suxxettibbli li huma affettwati jew ikkontaminati jew li hemm suspett li huma affettwati jew ikkontaminati, u l-querda tagħhom,

Emenda

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur

Emenda

(d) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur

fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel *ma jinqerdu*;

normali fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel *ma qam jew ġie kkonfermat kwalunkwe suspett tal-marda*;

Emenda 38

**Abbozz ta' regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-ispejjeż tal-qerda u tat-trasport tal-karkassi u spejjeż loġistiċi oħra relatati;

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) f'każijiet iġġustifikati, l-ispejjeż tal-kumpens lis-sidien għat-telf imġarrab minħabba t-telf tal-valur fis-suq tal-annimali tagħhom li jkunu ġew sottomessi għal kampanji ta' tilqim ta' emerġenza;

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) l-ispejjeż ta' kumpens lill-operaturi għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bijosigurtà msaħħa bħala parti minn azzjoni kollettiva;

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programmi ta' stħarriġ li jiġu ppreżentati wara l-31 ta' Mejju ma għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament fis-sena ta' wara.

Emenda

Ħlief f'każijiet strettament iġġustifikati, il-programmi nazzjonali li jiġu ppreżentati wara l-31 ta' Mejju ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament fis-sena ta' wara.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-programmi nazzjonali għandhom jiġu evalwati billi jitqiesu l-prijoritajiet u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali msemmija fl-Artikolu 35(1) u, ***fejn xieraq, dawk deskritti fil-linji gwida annwali jew pluriennali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.***

Emenda

1. Il-programmi nazzjonali għandhom jiġu evalwati billi jitqiesu l-prijoritajiet u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali msemmija fl-Artikolu 35(1) u ***r-riżultati miksuba abbażi tal-impenji tal-Istati Membri.***

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ia. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri l-lista tal-programmi nazzjonali li għandhom jirċievu kofinanzjament.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida annwali jew pluriennali li jkun fihom il-kriterji u l-prijoritajiet veterinarji li jridu jintużaw fl-evalwazzjoni tal-programmi nazzjonali.

imħassar

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-programmi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għal kull programm nazzjonali annwali jew pluriennali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, **sal-31 ta' Marzu** kull sena, rapport dettaljat tekniku u finanzjarju annwali li jkopri s-sena preċedenti inklużi r-riżultati miksuba, imkejla abbażi tal-indikaturi msemmija fl-Artikoli 13(2)(g) u rendikont dettaljat tal-ispejjeż eliġibbli mwettqa.

Għal kull programm nazzjonali annwali jew pluriennali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, **sat-30 ta' April ta'** kull sena, rapport dettaljat tekniku u finanzjarju annwali li jkopri s-sena preċedenti inklużi r-riżultati miksuba, imkejla abbażi tal-indikaturi msemmija fl-Artikoli 13(2)(g) u rendikont dettaljat tal-ispejjeż eliġibbli mwettqa.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Barra minn hekk, għal kull programm nazzjonali annwali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' **Lulju** kull sena, rapporti **tekniċi u** finanzjarji intermedji.

Emenda

Barra minn hekk, għal kull programm nazzjonali annwali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' **Awwissu ta'** kull sena, rapporti finanzjarji intermedji.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

It-talba għal ħlas għal sena partikolari fir-rigward ta' programm nazzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni **sal-31 ta' Marzu** tas-sena ta' wara.

Emenda

It-talba għal ħlas għal sena partikolari fir-rigward ta' programm nazzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni **sat-30 ta' April** tas-sena ta' wara.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-miżuri biex jitrażżan pest, li kontra tiegħu ġew adottati miżuri ta' trażżin **tal-Unjoni** skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva **2000/29/KE**, f'żona infestata li minnha dak il-pest ma jistax jinqered, fejn dawk il-miżuri huma essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak il-pest. Dawk il-miżuri għandhom jikkonċernaw esklużivament il-qerda ta' dak il-pest miż-żona ta' lqugħ f'każ li l-preżenza tiegħu tiġi individwata f'dik iż-żona ta' lqugħ;

Emenda

(b) il-miżuri biex jitrażżan pest, li kontra tiegħu ġew adottati miżuri ta' trażżin **skont l-Artikolu 16(1) u (2) tad-Direttiva 2000/29/KE jew li kontra tiegħu ġew adottati miżuri tal-Unjoni** skont l-Artikolu 16(3) ta' **dik** id-Direttiva, f'żona infestata li minnha dak il-pest ma jistax jinqered, fejn dawk il-miżuri huma essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak il-pest. Dawk il-miżuri għandhom jikkonċernaw esklużivament il-qerda ta'

dak il-pest miż-żona ta' l-qugh f'każ li l-preżenza tiegħu tiġi individwata f' dik iż-żona ta' l-qugh;

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-għotijiet jistgħu jingħataw ukoll lill-Istati Membri għal miżuri li diġà huma applikati meta l-preżenza ta' pesti hi suspettata, sakemm dawk is-suspetti sussegwentement ġew ikkonfermati .

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jikkonċernaw il-pesti mniżżla fil-Parti B tal-Anness I u l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE;

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-ispejjeż ta' kumpens għall-operaturi kkonċernati ***għall-qerda*** u t-tneħħija sussegwenti ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, ***u t-tindif*** u d-diżinfazzjoni tal-istabbiliment, l-art, l-ilma, il-ħamrija, il-

(c) l-ispejjeż ta' kumpens għall-operaturi ***u d-detenturi jew is-sidien tal-pjanti kkonċernati għat-telfa ekonomika mġarrba b'riżultat tal-miżuri ta' kontroll meħuda, bħalma huma l-qerda*** u t-

mezzi ta' tkabbir, il-faċilitajiet, il-makkinarju u t-tagħmir;

tneħħija sussegwenti ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, **għall-ispejjeż relevanti tagħhom tat-trasport u tal-loġistika, u l-obbligu tagħhom li jagħmlu tinwib tal-uċuħ, trattamenti fitosanitarji, it-tindif** u d-dizinfazzjoni tal-istabbiliment, l-art, l-ilma, il-ħamrija, il-mezzi ta' tkabbir, il-faċilitajiet, il-makkinarju u t-tagħmir, **bl-eċċezzjoni tal-kumpens mogħti fil-kuntest tal-fond mutwu stabbilit skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru [...] [PAK żvilupp rurali];**

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-ispejjeż ta' kumpens lid-detenturi u lis-sidien ta' prodotti ta' oriġini veġetali li jkunu ġew meqruda, fil-limitu tal-valur ta' dawk il-pjanti immedjatament qabel il-qerda tagħhom;

Emenda 54

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-ispejjeż għall-kumpens tal-operaturi għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bijosigurtà msaħħa, meħtieġa biex l-Unjoni tiġi protetta kontra pest prijoritarju u mwettqa bħala parti minn azzjoni kollettiva;

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Bħala eċċezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 130(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli mid-data tan-notifika tal-preżenza tal-pest mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

imħassar

Emenda 56

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jikkonċernaw il-pesti mniżżla fil-Parti B tal-Anness I u l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2000/29/KE;

Emenda 57

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-programmi ta' stħarriġ għandhom jiġu evalwati billi jitqiesu l-prijoritajiet u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali msemmija fl-Artikolu 35(1) u, fejn xieraq, dawk deskritti fil-linji gwida annwali jew pluriennali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

1. Il-programmi ta' stħarriġ għandhom jiġu evalwati billi jitqiesu l-prijoritajiet u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali msemmija fl-Artikolu 35(1).

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)**

1a. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri l-lista tal-programmi nazzjonali li għandhom jirċievu kofinanzjament.

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida annwali jew pluriennali li jkun fihom il-prijoritajiet fitosanitari, inklużi b'mod partikolari l-pesti li mhumiex individwati fit-territorju tal-Unjoni u l-pesti meqjusa bħala l-aktar perikolużi għat-territorju tal-Unjoni, u l-kriterji li jridu jintużaw fl-ewalwazzjoni tal-programmi ta' sħarriġ.

imħassar

Emenda 60

**Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri għal programmi li huma jwettqu għall-kontroll tal-pesti fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni kif enumerati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 (minn hawn 'il quddiem: il-"programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi"). Dawk l-għotjiet għandhom jikkonċernaw l-attivitajiet meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta, f'dawk ir-reġjuni, tar-regoli fis-seħħ f'dawk ir-reġjuni, dwar il-kontroll tal-

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-Istati Membri għal programmi li huma jwettqu għall-kontroll tal-pesti fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni kif enumerati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 (minn hawn 'il quddiem: il-"programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi"). Dawk l-għotjiet għandhom jikkonċernaw l-attivitajiet meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta, f'dawk ir-reġjuni, tar-regoli ***nazzjonali***, fis-seħħ f'dawk ir-reġjuni,

pesti.

dwar il-kontroll tal-pesti.

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri l-lista tal-programmi nazzjonali li għandhom jirċievu kofinanzjament.

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Għal kull wieħed mill-oqsma ta' intervent, il-Kummissjoni għandha tinvolvi lill-operaturi jew organizzazzjonijiet professjonali xierqa, jew lit-tnejn li huma, f'azzjonijiet li jkollhom il-għan li jħarrġu lil min iħarreġ biex jiġi żgurat tixrid usa' tal-informazzjoni u jingħata kontribut aktar effikaċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti fl-Unjoni.

Emenda 63

**Abbozz ta' regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-ispiża tal-organizzazzjoni tat-taħriġ jew l-attivitajiet ta' skambju;

Emenda

(a) l-ispiża tal-organizzazzjoni tat-taħriġ jew l-attivitajiet ta' skambju, ***inklużi dawk internazzjonali***;

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju,

Emenda

(a) l-ispejjeż ***tat-teħid ta' kampjuni u*** tat-testijiet tal-laboratorju,

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Tista' tingħata wkoll kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni bħala appoġġ għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mmirati biex jiżguraw ***attitudni*** mtejba, konformi u sostenibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1.

Emenda

3. Tista' tingħata wkoll kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni bħala appoġġ għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni ***mill-Unjoni u l-Istati Membri*** mmirati biex jiżguraw ***imġiba*** mtejba, konformi u sostenibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1.

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta programmi ta' ħidma annwali jew***

Emenda

1. ***Biex tispeċifika aktar id-direzzjoni tal-programmi ta' ħidma u tqis l-iżviluppi fl-oqsma tas-saħħa u l-benessri tal-annimali***

pluriennali komuni jew separati għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemija fit-Titolu II, għajr it-Taqsima 1 tal-Kapitolu I u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 39(3).

u tas-saħħa tal-pjanti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 38a li jistabbilixxu:

(a) il-prijoritajiet abbażi tal-oġġettivi mogħtija fl-Artikolu 2(1), kif inhuma riflessi fil-programmi ta' ħidma msemija fil-paragrafu 1a;

(b) il-kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni għall-programmi nazzjonali msemija fl-Artikoli 10, 23 u 27;

(c) il-lista ta' kompiti speċifiċi ta' importanza partikolari għall-Unjoni li għandhom jibbenefikaw minn rata ta' finanzjament tal-Unjoni ta' 100 % skont l-Artikolu 6(3).

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxu programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali komuni jew separati għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemija fit-Titolu II, għajr għal dawk imsemija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 39(3).

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programmi ta' ħidma msemija fil-paragrafu **1** għandhom jistabbilixxu ***l-objettivi segwiti, ir-riżultati*** mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull miżura u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Għall-għotjiet, dawn għandhom jinkludu l-prijoritajiet, ***il-kriterji*** ta' evalwazzjoni essenzjali u r-rata ta' finanzjament.

Emenda

2. Il-programmi ta' ħidma msemija fil-paragrafu **1a** għandhom jistabbilixxu ***r-riżultati*** mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull miżura u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. ***Għal finijiet ta' trasparenza, il-programmi ta' ħidma msemija fil-paragrafu 1a għandhom jirreferu wkoll għall-objettivi speċifiċi mogħtija fl-Artikolu 2(1).*** Għall-għotjiet, għandhom jinkludu l-prijoritajiet ***u l-kriterji*** ta' evalwazzjoni essenzjali ***adottati skont il-paragrafi 1, punti (a) u (b),*** u r-rata ta' finanzjament.

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 38a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 38a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija f'dan ir-Regolament hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal

tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija f'dan ir-Regolament tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-programmi nazzjonali għall-kontroll tal-qerda u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi għas-sena 2013 li jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni skont il-miżura finanzjarja prevista fl-Artikolu 27 tad-

Emenda

imħassar

Deċiżjoni 2009/470/KE, il-paragrafi 7 u 8 ta' dak l-Artikolu għandhom ikompli japplikaw.

Emenda 71

Proposta għal regolament Anness I (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX I

Mard tal-annimali li hemm referenza għalih fl-Artikolu 8:

- Il-pesta tal-ifrat,***
- Il-pesta tan-ngħaġ u l-mogħoż,***
- Il-marda vesikulari tal-ħnieżer,***
- Il-marda tal-ilsien blu,***
- Il-marda Teschen,***
- Il-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż,***
- Id-deni tal-Wied tar-Rift,***
- Il-marda tal-infafet fil-ġilda,***
- Il-marda taż-żwiemel Afrikana,***
- Is-stomatite vesikulari,***
- L-enċefalomjelite taż-żwiemel virali tal-Venezwela,***
- Il-marda tal-emorraġija taċ-ċriev,***
- Id-deni klassiku tal-ħnieżer,***
- Id-deni Afrikan tal-ħnieżer,***
- Il-plewropnewmonite li tittieħed tal-bhejjem tal-ifrat,***
- L-influwenza avjarja,***
- Il-marda ta' Newcastle,***
- Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer,***
- In-nekrosi ematopojetika epiżotika fil-ħut (EHN),***
- is-sindrome ulċerattiv epiżotiku fil-ħut***

(EUS),

- *L-infezzjoni bil-Bonamia exitiosa,*
- *L-infezzjoni bil-Perkinsus marinus,*
- *L-infezzjoni bil-Microcytos mackini,*
- *Is-sindrome Taura fil-krustaċġi,*
- *Il-marda Yellowhead fil-krustaċġi.*

Emenda 72

Proposta għal regolament Anness 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX I

Mard tal-animalli u żoonożi li hemm referenza għalih fl-Artikolu 11:

- *It-tuberkulożi tal-ifrat,*
- *Il-bruċellożi tal-ifrat,*
- *Il-bruċellożi ovina u kaprina (B. melitensis),*
- *Il-marda tal-ilsien blu f'żoni endemiċi jew b'livell għoli ta' riskju,*
- *Id-deni Afrikan tal-ħnieżer,*
- *Il-marda vesikulari tal-ħnieżer,*
- *Id-deni klassiku tal-ħnieżer,*
- *L-antraċe,*
- *Il-plewropnewmonite bovina li tittieħed,*
- *L-influwenza avjarja,*
- *L-idrofobija,*
- *L-ekinokokkosi,*
- *L-enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli (TSE),*
- *Il-kampilobatterjożi,*
- *Il-listerjożi,*
- *Is-salmonellożi (salmonella żoonotika),*

- *It-trikinelloži,*
- *L-E. coli verotossigenika,*
- *Is-setticemija emorragika virali (VHS),*
- *In-nekrożi ematopojetika infettiva (IHN),*
- *Il-marda bil-virus erpete tal-Koi (KHV),*
- *L-anemija infettiva tas-salamun (ISA),*
- *L-infezzjoni bil-Martellia refringens,*
- *L-infezzjoni bil-Bonamia ostreae,*
- *Il-marda tat-tikek bojod fil-krustaċċi.*

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-regolament jagħmel parti mill-pakkett leġislativ bl-isem "Regoli aktar intelliġenti għal ikel aktar sikur". Il-pakkett jinkludi fih erba' testi settorjali dwar is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, il-materjal tar-riproduzzjoni tal-pjanti u l-kontrolli uffiċjali, kif ukoll regolament orizzontali, li jiġbor fih id-dispożizzjonijiet finanzjarji: ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-infiq. Bħall-pakkett kollu, ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-infiq għandu l-għan li jissimplifika l-qafas leġislativ relatat mas-sikurezza tal-katina tal-provvista tal-ikel.

Ir-regolament il-ġdid iħassar u jimmodifika, konsegwentement, 11-il att preċedenti. B'mod ġenerali jerġa' jieħ u jgħaqqad id-dispożizzjonijiet diġà eżistenti f'test wieħed. Madankollu jinkludi fih tliet elementi ġodda li ta min jinnotahom.

L-ewwel nett, il-proposta tirrazzjonalizza r-rati ta' kofinanzjament filwaqt li toħloq tliet rati massimi: rata massima normali ta' 50%, rata massima derogatorja ta' 75% għall-azzjonijiet transkonfinali u għall-Istati Membri li l-PDG tagħhom per capita huwa inqas minn 90% tal-medja Ewropea, u rata massima ta' 100% għall-azzjonijiet li għandhom il-għan li jiġu kkontrollati riskji serji għas-saħħa, azzjonijiet speċifiċi speċifikati fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni jew meta jittieħdu f'pajjiżi terzi.

Minħabba li l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni bħalissa jbatu minn diffikultà inkwantu tal-evalwazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li jiġu stabbiliti indikaturi preċiżi biex jiġu evalwati aħjar l-effetti tal-politiki relatati mas-sikurezza tal-katina tal-provvista alimentari.

Barra minn hekk, qed jiġu mfassla programmi ta' sħarriġ fir-rigward tal-preżenza ta' pesti bil-għan tal-prevenzjoni ta' theddidiet li qed jiżdiedu fil-qasam tas-saħħa tal-pjanti.

Baġit u ammont minimu tal-għotjiet

Il-proposta tal-Kummissjoni tipproponi pakkett baġitarju globali ta' EUR 1 892 miljun skont il-prezzijiet attwali. Hija għandha tagħti informazzjoni disaggregata dwar l-ispejjeż kollha u tindika l-prijoritajiet mogħtija lill-partijiet differenti tal-programm. Din l-allokazzjoni hi indikattiva biex tippermetti ċertu grad ta' flessibilità fl-attribuzzjoni tal-fondi.

Mill-banda l-oħra, għall-finijiet ta' vijabilità, il-proposta tal-Kummissjoni tipproponi li jitpoġġa livell ta' limitu ta' EUR 50 000. Taħt dan il-livell ta' limitu ma tingħata l-ebda suvvenzjoni. Il-miżuri ta' prevenzjoni (sorveljanza) jiswew inqas mill-miżuri ta' kontroll; dan il-livell ta' limitu għalhekk donnu li hu dissważiv, fl-istess waqt li l-politika tal-prevenzjoni qed tiġi mħeġġa. Meta miżura tittieħed f' żona ġeografika limitata fi ħdan Stat Membru, dan l-ammont ma jistax jintlaħaq, għaldaqstant jinħoloq riskju ta' tixrid. Għaldaqstant jaqbel li l-livell ta' limitu jitneħħa.

Aċċess għar-riżerva ta' kriżi

Fil-qafas finanzjarju attwali, il-linji baġitarji tas-sikurezza tal-ikel jinsabu fl-istess intestatura

tal-PAK, iżda l-istruttura l-ġdida tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 tippovdi għaċ-
ċaqliq tal-linji baġitarji tas-sikurezza tal-ikel mill-intestatura 2 għall-intestatura 3. Dan it-
trasferiment tal-krediti għall-perjodu ta' pprogrammar 2014 -2020 iġib miegħu riskju
sinifikanti ta' insuffiċjenza baġitarja f'każ li tfeġġ epidemija kbira tal-annimali. F'każ li tfeġġ
epidemija ta' dan it-tip, l-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tista' timmobilizza, b'ħeffa,
krediti supplimentari għall-finanzjament ta' miżuri veterinarji jew fitosanitarji ta' urġenza u
b'hekk tipprevjeni telf supplimentari.

F'dan il-kuntest, il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi, fl-Artikolu 5, li jingħata aċċess għal
riżerva ta' kriżi agrikola bħala rispons għal sitwazzjonijiet ta' urġenza fis-settur veterinarju jew
fitosanitarju. L-Artikolu 5 ta' din il-proposta kien marbut mal-proposta għal regolament
orizzontali tal-PAK permezz ta' addendum mal-Artikolu 4.2. L-addendum wasal tard ħafna u
għaldaqstant ma sarx dibattitu profund dwar l-aċċess għar-riżerva ta' kriżi, u din il-possibilità
ġiet miċħuda waqt in-negozjati tal-PAK.

Madankollu huwa meħtieġ li tinstab soluzzjoni li tippermetti t-tiżi tal-baġit għas-sikurezza
tal-ikel, f'każ ta' bżonn, jekk ikollhom iseħħu kriżijiet agrikoli mifruxa ħafna. Sfortunatament,
minħabba li l-pakkett globali għall-baġit tal-UE għall-2014-2020 huwa limitat, mhux faċli li
jiġi identifikat fond li jista' jintuża f'dawn il-każijiet.

Jekk tintuża r-riżerva tal-kriżi agrikola ta' EUR 2 800 miljun għall-perjodu 2014-2020, il-
pagamenti diretti li jirċievu l-bdiewa Ewropej jistgħu jonqsu wara l-applikazzjoni tal-
mekkaniżmu ta' dixciplina finanzjarja. Min-naħa l-oħra, kriżi serja fil-qasam tal-annimali jew
tas-saħħa tal-pjanti se tolgot serjament lis-settur agroalimentari u għaldaqstant ikun tajjeb li r-
riżerva ta' kriżi tintuża biex tgħin lis-settur milqut.

Approċċ ieħor hu li jintuża l-istrument ta' flessibilità b'valur massimu ta' EUR 3 297 miljun
għall-perjodu 2014-2020. Dan l-istrument jawtorizza, għal eżerċizzju baġitarju speċifiku, il-
finanzjament ta' spejjeż identifikati b'mod ċar li ma jkunux jistgħu jiġu finanzjati fil-limiti
massimi disponibbli taħt intestatura waħda jew aktar. L-inkonvenjent hu li dan l-istrument
huwa aċċessibbli għall-politiki kollha tal-UE u jista' għaldaqstant ma jkunx biżżejjed f'każ ta'
kriżi tas-saħħa gravi.

Minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjoni, l-ebda emenda għall-Artikolu 5 (u għall-premessa 7)
ma ġiet proposta, biex jingħata lok għal dibattitu profund dwar din it-tema u jinħoloq kunsens
fi ħdan il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali biex tinstab soluzzjoni għal din il-
kwistjoni diffiċli.

Listi ta' mard tal-annimali u żoonożi

Il-Kummissjoni tipproponi li tiġi stabbilita l-lista tal-mard tal-annimali u żoonożi eliġibbli
għal għotja permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Din il-lista tal-mard hi element essenzjali u
għaldaqstant għandha tidher fl-att bażiku (fl-anness). Barra minn hekk, jeħtieġ li tkun prevista
l-possibilità li tinħoloq lista tal-mard tal-annimali eliġibbli għal għotja mingħajr mal-
proċedura tkun daqstant peżanti daqs att bażiku, u għaldaqstant li jintużaw l-atti delegati.

Kriterji u objettivi tal-azzjonijiet

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġu stabbiliti l-oġġettivi kif ukoll il-kriterji użati għall-evalwazzjoni ta' programmi nazzjonali permezz tal-programm ta' ħidma. Madankollu dawn l-oġġettivi u kriterji għandhom jiġu stabbiliti b'mod aktar trasparenti permezz ta' atti delegati.

Spejjeż eliġibbli

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni qed tinkludi l-parti l-kbira tal-ispejjeż eliġibbli inklużi fil-qafas regolatorju attwali. Madankollu, xi finanzjament li kien possibbli qabel mhux inkluż, u tajjeb ukoll li jiġu koperti l-ispejjeż ġodda li jikkorrispondu għall-linji gwida ġodda tal-politika tas-sikurezza tal-ikel. Għaldaqstant hu mixtieq li jiġu inklużi l-ispejjeż relatati, partikolarment, mal-qtil tal-annimali, mat-telf minħabba t-tilqim ta' emerġenza, mat-tisħiħ eventwali tal-miżuri attwali, mal-ipproċessar u l-qerda tal-karkassi tal-annimali, it-telf ekonomiku minħabba miżuri meħuda fl-ambitu tal-protezzjoni tal-pjanti, u l-valur mitluf ta' pjanti li jinqerdu.

19.11.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa fil-qasam tal-katina alimentari, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u dwar is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (COM(2013)0327 – C7-0167/2013 – 2013/0169(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Giovanni La Via

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta mill-Kummissjoni tipprevedi l-kamp ta' applikazzjoni u l-obiettivi għan-nefqa tal-ikel u l-għalf sa limitu massimu ta' EUR 1 891,936 miljun bil-prezzijiet attwali. L-obiettivi huma livell għoli ta' sikurezza tal-ikel u tas-sistema tal-produzzjoni tal-ikel, it-titjib tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali, l-individwazzjoni u l-qerda tal-pesti, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-kontrolli uffiċjali.

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 li ġiet emendata fis-6 ta' Lulju 2012. Filwaqt li tikkonsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropea tas-7/8 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni qed tippromponi ammont massimu ta' EUR 1 891,936 miljun għan-nefqa marbuta mal-ikel u l-għalf matul il-perjodu kollu bejn l-2014 u l-2020. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità, mill-2008 il-Kummissjoni inkarigat lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi bil-kompiti tal-implimentazzjoni għall-ġestjoni tal-Programm tal-Ikel u l-Għalf. Il-Kummissjoni tista' tuża, fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, aġenzija eżekuttiva eżistenti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Programm.

Barra minn hekk, huwa propost li r-rati ta' finanzjament għall-għotjiet jiġu razzjonalizzati u li r-rata ta' finanzjament standard tkun ta' 50 % tal-kosts eliġibbli. Din ir-rata tista' tiżdied skont ċerti kundizzjonijiet sa 75 % u 100 %.

Fir-rigward tas-saħħa tal-pjanti, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni se tkopri wkoll programmi ta' sħarriġ għall-preżenza tal-pesti u l-miżuri ta' appoġġ fitosanitarji għat-territorji ultraperiferiċi tal-Istati Membri.

Hija prevista wkoll il-possibbiltà li l-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni u proġetti mmirati biex itejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-kontrolli uffiċjali jingħataw appoġġ. Għalhekk, proċeduri għat-tressiq u l-evalwazzjoni ta' programmi ta' kontroll annwali u pluriennali u l-proċedura għall-ħolqien u l-aġġornament tal-lista ta' annimali morda jew pesti tal-pjanti huma eliġibbli għall-kofinanzjament. Dan se jsir b'mod semplifikat, fejn id-deċiżjonijiet ta' rimborż ma jittieħdux aktar mill-Kummissjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5**, il-limitu massimu għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ammont massimu ta' EUR 1 891,936 miljun bil-prezzijiet attwali.

Emenda

1. Il-limitu massimu għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 1 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ammont massimu ta' EUR 1 891 936 miljun bil-prezzijiet attwali.

Emenda 2

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 5

***L-użu tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur
agrikolu***

***Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-miżuri
ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza koperti
mit-Taqsima I tal-Kapitolu I tat-Titolu II
u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu II***

Emenda

imħassar

tista' tiġi ffinanzjata wkoll skont il-punt (e) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru XXX/201X tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) L-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross għal kull abitant abbażi tal-aħħar dejta tal-Eurostat ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni;

Emenda

(b) L-Istati Membri *u/jew ir-reġjuni* li l-introjtu nazzjonali gross għal kull abitant abbażi tal-aħħar dejta tal-Eurostat ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni;

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Ma għandha tingħata l-ebda għotja ta' inqas minn EUR 50 000.

Emenda

imħassar

PROCĊEDURA

Titolu	Il-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti
Referenzi	COM(2013)0327 – C7-0167/2013 – 2013/0169(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 13.6.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 13.6.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Giovanni La Via 27.6.2013
Data tal-adozzjoni	14.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 –: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Jean-Luc Dehaene, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Frédéric Daerden, Paul Rübig, Peter Šťastný
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Jean-Paul Besset, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Zdravka Bušić, Jolanta Emilia Hibner, Helmut Scholz, Tadeusz Zwiefka

6.11.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa fil-qasam tal-katina alimentari, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u dwar is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (COM(2013)0327 – C7-0167/2013 – 2013/0169(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Franco Bonanini

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 kumplessivament ġew allokat EUR 1 891.936 miljun relatati man-nefqa fil-qasam tal-katina alimentari, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u dwar is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti.

Attwalment, il-qafas ġuridiku fis-seħħ fil-qasam huwa kostitwit prinċipalment mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE dwar il-programmi veterinarji ta' qerda u tal-miżuri ta' emerġenza, mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar l-interventi fitosanitarji u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 dwar il-kontrolli uffiċjali. Dispożizzjonijiet finanzjarji speċifiċi oħrajn huma preżenti f'regolamenti oħrajn.

Il-Kummissjoni, fil-kuntest ta' reviżjoni kumplessiva tal-leġislazzjoni eżistenti fil-qasam tas-sikurezza u tas-saħħa tal-katina agroalimentari msejħa "Annimali u pjanti aktar b'saħħithom u katina alimentari aktar sikura", tipproponi li tissostitwixxi dawn il-bażijiet ġuridiċi frammentati, attwalment fis-seħħ, b'dispożizzjonijiet finanzjarji omoġenji ġodda, konformi mad-dispożizzjonijiet tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid u mat-Trattat ta' Lisbona; ir-regolament propost mill-Kummissjoni se jkopri l-ispejjeż kollha għall-kontrolli u l-eżekuzzjoni tal-leġislazzjoni kollha dwar il-programmi ta' qerda u miżuri ta' emerġenza, miżuri fitosanitarji, il-finanzjament ta' kontroll uffiċjali, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fitosanitarji u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

Ir-rapporteur jilqa' favorevolment il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni u partikolarment l-objettiv ta' razzjonalizzazzjoni ta' qafas finanzjarju li nkella jkun kumpless u frammentat wisq.

Dispożizzjonijiet finanzjarji komuni u semplifikati se jissarrfu f'benefiċċji fl-ippjanar u fil-ġestjoni finanzjarja tal-programmi relatati mal-katina alimentari, tal-pjanti, mas-saħħa u mat-trattament xieraq tal-annimali, tal-pjanti u tal-materjal riproduttiv tal-pjanti; u għalhekk se jkun jistgħu ċertament jikkontribwixxu għall-objettiv finali ta' katina alimentari aktar sikura fir-rispett tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali.

L-emendi proposti huma għaldaqstant intiżi li jikkompletaw l-isforz tal-Kummissjoni Ewropea fid-direzzjoni ta' regolament finanzjarju orizzontali li jkun ċar, flessibbli, sempliċi u, fl-istess ħin, biħsiebhom jikkoreġu xi punti kritiċi misjuba.

B'mod partikolari, ir-rapporteur iqis importanti t-twessigħ tal-kategorija tal-programmi potenzjalment benefiċjarji ta' kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-UE, billi titfassar il-previżjoni ta' limitu ta' ammont minimu tal-ġhotjiet anki fil-kunsiderazzjoni tan-natura moltepliċi u tad-daqs tal-programmi li jikkwalifikaw għall-kofinanzjament; kontemporanjament, titwessa', fi ħdan il-kapitoli individwali tar-regolament, il-lista tal-kategoriji ta' spejjeż potenzjalment eleġibbli għal finanzjament, billi jiddaħħlu, fost oħrajn, anki l-kumpensi lill-operaturi għall-ispejjeż ta' qtil u ta' tbiċċir tal-annimali meqruda; il-kumpensi lill-operaturi għall-valur tal-pjanti u tal-prodotti tal-pjanti meqruda, il-kumpensi għall-ispejjeż relatati mat-trasport u mal-loġistika, u għal miżuri speċifiċi oħrajn intiżi li jipprevjenu t-tixrid ulterjuri ta' mard u/jew pesti.

Tqies ukoll importanti li jiġi ppreċiżat aħjar, dejjem għall-finijiet ta' kumpens possibbli tal-operaturi, il-kunċett ta' "valur tas-suq" għall-annimali, prodotti li joriġinaw minnhom, pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra meqruda jew imneħħija mill-eżekuzzjoni tal-miżuri previsti minn dan ir-Regolament.

Tidher ukoll importanti l-korrezzjoni ta' ċerti termini ta' żmien relatati mal-iskadenzi amministrattivi, previsti fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-preżentazzjoni tal-programmi nazzjonali, għall-approvazzjoni ta' dawn min-naħa tal-Kummissjoni, għall-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji u finali u għall-preżentazzjoni tat-talbiet għal ħlas sussegwenti.

Ir-rapporteur, finalment, iqis importanti l-estensjoni, fl-ambitu tal-previżjonijiet relatati mat-tema tal-appoġġ finanzjarju għall-kontrolli uffiċjali, il-programmi ta' taħriġ diġà previsti għall-ġid tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti anki għal operaturi privati oħrajn fis-settur, rikonnoxxuti u rappreżentattivi. Iqis ukoll ta' importanza partikolari t-tixrid tal-informazzjoni u l-promozzjoni ta' standards omoġenji bħala garanzija tal-ħarsien tal-konsumaturi u ta' livell għoli ta' saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti tul il-katina alimentari kollha.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv ġenerali jinħtieġu riżorsi finanzjarji xierqa. Għalhekk, jeħtieġ li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri meħuda fl-oqsma differenti li jappartjenu għal dak l-oġġettiv ġenerali. Barra minn hekk, sabiex l-użu tan-nefqa jiġi mmirat b'mod effiċjenti, għandhom jiġu stabbiliti oġġettivi speċifiċi u indikaturi sabiex tiġi vvalutata l-kisba ta' dawk l-oġġettivi.

Emenda

(3) Sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv ġenerali jinħtieġu riżorsi finanzjarji xierqa. Għalhekk, jeħtieġ li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri meħuda fl-oqsma differenti li jappartjenu għal dak l-oġġettiv ġenerali. Barra minn hekk, sabiex l-użu tan-nefqa jiġi mmirat b'mod effiċjenti, għandhom jiġu stabbiliti oġġettivi speċifiċi u indikaturi sabiex tiġi vvalutata l-kisba ta' dawk l-oġġettivi. ***Huwa importanti li l-fondi għal dan il-għan ma jwasslux għal żieda fil-baġit ġenerali tal-UE iżda minflok jinġiebu minn partiti oħra diġà eżistenti fil-baġit tal-Unjoni. Ir-riżorsi finanzjarji kollha għandhom jiġu mil-linja baġitarja prevista fil-QFP.***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Barra minn hekk, fil-proposta tagħha għal qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' emerġenza bħala reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Konsegwentement, fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali bħal

Emenda

imħassar

sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali, meta l-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura baġitarja 3 ma jkunux suffiċjenti iżda jkunu meħtieġa miżuri ta' emerġenza, il-fondi mir-Riżerva għall-kriżi fis-settur agrikolu għandhom jiġu trasferiti b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-... bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁰.

¹⁰ ĠUC, , p. .

Ġustifikazzjoni

Il-fondi skarsi li jkollha kull sena r-Riżerva għall-Kriżijiet fis-settur agrikolu huma rregolati mir-Regolament orizzontali tar-riforma tal-PAK u użati biex jingħelbu l-kriżijiet tal-produzzjoni jew distribuzzjoni tas-suq. Ir-Regolament orizzontali ma jkoprix il-kostijiet ittrattati minn dan ir-Regolament.

Emenda 3

Abbozz ta' regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-Unjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-fondi jintefqu tajjeb iżda wkoll li tiegħu miżuri biex twieġeb għall-ħtieġa li tissemplifika l-programmi ta' nfiq tagħha ***sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-benefiċjarji tal-fondi u għall-atturi kollha involuti***, skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea. ***Għal raġunijiet ta' kost-effettività, kemm fil-livell tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri, l-għotjiet taħt ċertu limitu massimu ma għandhomx***

Emenda

(10) L-Unjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-fondi jintefqu tajjeb iżda wkoll li tiegħu miżuri biex twieġeb għall-ħtieġa li tissemplifika l-programmi ta' nfiq tagħha skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea.

jingħataw aktar.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti fuq il-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil *u l-emenda tal-listi tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament mill-Unjoni, kif ukoll it-twaqqif ta' programmi ta' ħidma. Meta temenda l-lista ta' mard tal-annimali li jikkwalifikaw għall-finanzjament* tal-miżuri ta' emerġenza, *il-Kummissjoni għandha tqis il-mard tal-annimali li jrid jiġi notifikat skont id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità*¹⁵. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹⁶.

¹⁵ ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58.

¹⁶ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Emenda

(28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti fuq il-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil *tal-programmi ta' ħidma u d-deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni* tal-miżuri ta' emerġenza. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹⁶.

¹⁶ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-objettiv ġenerali li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina tal-ikel u f'oqsma relatati u livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi u l-ambjent filwaqt li tippermetti lill-industrija tal-ikel u tal-għalf fl-Unjoni li topera f'ambjent li jiffavorixxi ***l-kompetittività*** u l-ħolqien tal-impjiegi;

Emenda

(a) l-objettiv ġenerali li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina tal-ikel u f'oqsma relatati, ***permezz tal-prevenzjoni u tal-gerda tal-mard u tal-pesti permezz tal-garanzija ta'*** livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, ***l-annimali*** u l-ambjent filwaqt li tippermetti lill-industrija tal-ikel u tal-għalf fl-Unjoni li topera f'ambjent li jiffavorixxi ***l-oġġetti tal-ikel sikuri, il-kompetittività*** u l-ħolqien tal-impjiegi;

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Artikolu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 5

L-użu tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-miżuri ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza koperti mit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat-Titolu II u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu II tista' tiġi ffinanzjata wkoll skont il-punt (e) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru XXX/201X tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Il-fondi skarsi li jkollha kull sena r-Riżerva għall-Kriżijiet fis-settur agrikolu huma rregolati mir-Regolament orizzontali tar-riforma tal-PAK u użati biex jingħelbu l-kriżijiet tal-produzzjoni jew distribuzzjoni tas-suq. Ir-Regolament orizzontali ma jkoprix il-kostijiet ittrattati minn dan ir-Regolament.

Emenda 7

Abbozz ta' regolament Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Rati massimi **u ammont minimu** tal-
għotjiet

Emenda

Rati massimi tal-għotjiet

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) attivitajiet transkonfinali implimentati flimkien minn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex jikkontrollaw jew jeqirdu l-pesti jew il-mard tal-annimali;

Emenda

(a) attivitajiet transkonfinali implimentati flimkien minn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex **jipprevjenu**, jikkontrollaw jew jeqirdu l-pesti jew il-mard tal-annimali; **jew**

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jikkonċernaw **il-kontroll** ta' riskji serji għas-saħħa għall-Unjoni;

Emenda

(a) jikkonċernaw **il-prevenzjoni u l-kontroll** ta' riskji serji għas-saħħa **tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti** għall-Unjoni, **tul il-katina alimentari kollha; jew**

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li nkunu nafu għal liema riskji serji qed nirreferu u li jkunu inklużi b'mod espliċitu r-riskji fitosanitarji u tas-saħħa tal-annimali, minbarra l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

Emenda 10

Abbozz ta' regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Ma għandha tingħata l-ebda għotja ta' inqas minn EUR 50 000.

imħassar

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jistgħu anki jingħataw għotjiet sar-rati massimi msemija fl-Artikolu 6(1), (2) u (3), għall-miżuri adottati abbażi ta' suspett ta' tifqigħa, u li sussegwentement tkun ġiet ikkonfermata, ta' waħda mill-mard tal-annimali elenkati skont l-Artikolu 8;

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-ispejjeż ta' kumpens għas-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula, fil-limitu tal-valur fis-suq tal-annimali immedjatament qabel ***ma jkun tbiċċru jew inqatlu;***

(a) l-ispejjeż ta' kumpens għas-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula, fil-limitu tal-valur ***normali*** fis-suq tal-annimali immedjatament qabel ***kwalunkwe suspett jew konferma tal-marda;***

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-ispejjeż biex l-annimali jiġu ttrasportati, maqtula jew imbiċċra;

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel *ma jinqerdu*;

(b) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur **normali** fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel **kwalunkwe suspett jew konferma tal-marda**;

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-ispejjeż ta' tindif, diżinsettizzazzjoni u diżinfezzjoni tal-azjendi u tat-tagħmir;

(c) l-ispejjeż ta' tindif, diżinsettizzazzjoni u diżinfezzjoni tal-azjendi u tat-tagħmir **speċifiku għall-marda**;

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 - paragrafu 1 - punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) l-ispejjeż **għall-qerda** tal-għalf kontaminat u, fejn ma jistax jiġi diżinfettat,

(d) l-ispejjeż **għat-trasport u l-qerda** tal-għalf kontaminat u, fejn ma jistax jiġi

it-tagħmir kontaminat;

dizinfettat, it-tagħmir kontaminat;

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-ispiża tax-xiri u l-amministrazzjoni tal-vaċċini jekk dawk ikunu deċiżi jew awtorizzati mill-Kummissjoni;

Emenda

(e) l-ispejjeż tax-xiri u l-amministrazzjoni tal-vaċċini jekk dawk ikunu deċiżi jew awtorizzati mill-Kummissjoni **u, f'każijiet eċċezzjonali u debitament sostanzjati, l-ispejjeż għat-telf imġarrab b'riżultat tal-użu ta' dawn il-vaċċini.**

Ġustifikazzjoni

Jekk l-animali ma jkunux jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq bl-istess mod minħabba l-użu ta' vaċċini fil-kuntest ta' miżura ta' emerġenza, it-telf għandu jkun ikkumpensat f'każijiet debitament sostanzjati.

Emenda 18

Abbozz ta' regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-ispejjeż tat-trasport tal-karkassi **sal-impjanti tal-ipproċessar fejn applikabbli;**

Emenda

(f) l-ispejjeż **tal-qerda u** tat-trasport tal-karkassi **u spejjeż loġistiċi marbuta;**

Emenda 19

Abbozz ta' regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) f'każijiet debitament iġġustifikati, l-ispejjeż ta' kumpens għas-sidien għat-telf li ġarrbu minħabba t-telf tal-valur fis-suq ta' animali suġġetti għal kampanja ta' vaċċinazzjoni ta' emerġenza;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Bħala eċċezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 130(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli mid-data **tan-notifika** tal-okkorrenza tal-marda mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Emenda

Bħala eċċezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 130(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli mid-data **tas-suspett dwar l-eżistenza tal-marda. Tkun meħtieġa n-notifika** tal-okkorrenza tal-marda mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Ġustifikazzjoni

Quddiem suspett fundat ta' marda infettiva u kontaġġjuża u fl-istennija tal-konferma tagħha fil-laboratorju, jeħtieġ li naġixxu b'mod urġenti bil-għan li jitnaqqas l-impatt u t-tixrid tal-marda.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-programmi nazzjonali annwali jew pluriennali tal-Istati Membri **għall-querda**, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi elenkati skont l-Artikolu 11 (minn hawn 'il quddiem il-"programmi nazzjonali").

Emenda

L-għotjiet jistgħu jingħataw lill-programmi nazzjonali annwali jew pluriennali tal-Istati Membri **għall-implimentazzjoni tal-querda**, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u taż-żoonożi elenkati skont l-Artikolu 11 (minn hawn 'il quddiem il-"programmi nazzjonali").

Ġustifikazzjoni

Emenda għal finijiet ta' kjarifika u sabiex issir distinzjoni bejn l-implimentazzjoni u, pereżempju, il-proċessi ta' ppjanar.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 12 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula fil-qafas tal-programm nazzjonali, fil-limitu tal-valur fis-suq *tal-annimali* immedjatament qabel *ma jkunu tbiċċru jew inqatlu*;

Emenda

(c) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom imbiċċra jew maqtula fil-qafas tal-programm nazzjonali, fil-limitu tal-valur *normali* fis-suq *ta' dawk l-annimali* immedjatament qabel *kwalunkwe suspett jew konferma tal-marda*;

Emenda 23

Abbozz ta' regolament Artikolu 12 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-ispejjeż tal-qtil u tat-tbiċċir tal-annimali;

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 12 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel *ma jinqerdu*;

Emenda

d) l-ispejjeż ta' kumpens lis-sidien għall-valur tal-prodotti meqruda tagħhom ta' oriġini mill-annimali, fil-limitu tal-valur *normali* fis-suq ta' dawk il-prodotti immedjatament qabel *kwalunkwe suspett jew konferma tal-marda*;

Emenda 25

Abbozz ta' regolament Artikolu 12 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-ispejjeż tal-qerda u tat-trasport tal-karkassi u spejjeż loġistiċi marbuta;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) l-ispejjeż tal-inokulazzjoni tad-dożi ta' vaċċin għall-annimali domestiċi;

(f) l-ispejjeż tal-inokulazzjoni tad-dożi ta' vaċċin għall-annimali domestiċi **f'każ ta' tifqigħa epidemika ta' marda;**

Ġustifikazzjoni

Inokulazzjonijiet volontarji jew miżuri preventivi oħra minbarra f'emerġenza, eż. l-inokulazzjoni kontra l-marda tar-rabja qabel il-vjaġġ ma' qattus jew kelb, ma għandhomx jiġu ffinanzjati minn dawn l-għotjiet.

Emenda 27

Abbozz ta' regolament Artikolu 12 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) f'każijiet debitament iġġustifikati, l-ispejjeż ta' kumpens għas-sidien għat-telf li ġarrbu minħabba t-telf tal-valur fis-suq ta' annimali suġġetti għal kampanja ta' vaċċinazzjoni ta' emerġenza;

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programmi nazzjonali annwali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sal-31 ta' Jannar ta' kull sena**, permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru **ta' dik is-sena**. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

Emenda

2. Il-programmi nazzjonali annwali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sat-30 ta' Novembru jew, fil-każ li l-baġit tal-UE ma jkunx ġie approvat, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru qabel is-sena li fiha jibdedw il-programmi**, permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru **tas-sena eliġibbli**. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-programmi nazzjonali pluriennali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sal-31 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

Emenda

3. Il-programmi nazzjonali pluriennali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sat-30 ta' Novembru jew, fil-każ li l-baġit tal-UE ma jkunx ġie approvat, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru qabel is-sena li fiha jibdedw il-programmi**, permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

Emenda 30

Abbozz ta' regolament Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kull programm nazzjonali annwali jew pluriennali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, **sal-31 ta' Marzu** kull sena, rapport dettaljat tekniku u finanzjarju annwali li jkopri s-sena preċedenti inklużi r-riżultati miksuba, imkejla abbażi tal-indikaturi msemmija fl-Artikoli 13(2)(g) u rendikont dettaljat tal-ispejjeż eliġibbli mwettqa.

Barra minn hekk, għal kull programm nazzjonali annwali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' **Lulju** kull sena, rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji.

Emenda 31

Abbozz ta' regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

It-talba għal h̄las għal sena partikolari fir-rigward ta' programm nazzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni **sal-31 ta' Marzu** tas-sena ta' wara.

Emenda 32

Abbozz ta' regolament Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ispejjeż ta' kumpens għall-operaturi kkonċernati għall-qerda u t-tneħħija sussegwenti ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, u t-tindif u d-diżinfazzjoni tal-

Emenda

Għal kull programm nazzjonali annwali jew pluriennali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, **sat-30 ta' April** kull sena, rapport dettaljat tekniku u finanzjarju annwali li jkopri s-sena preċedenti inklużi r-riżultati miksuba, imkejla abbażi tal-indikaturi msemmija fl-Artikoli 13(2)(g) u rendikont dettaljat tal-ispejjeż eliġibbli mwettqa.

Barra minn hekk, għal kull programm nazzjonali annwali approvat, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' **Awwissu** kull sena, rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji.

Emenda

It-talba għal h̄las għal sena partikolari fir-rigward ta' programm nazzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni **sat-30 ta' April** tas-sena ta' wara.

Emenda

(c) l-ispejjeż ta' kumpens għall-operaturi kkonċernati għall-qerda u t-tneħħija sussegwenti ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra **u għall-ispejjeż loġistiċi u tat-**

istabbiliment, l-art, l-ilma, il-ħamrija, il-mezzi ta' tkabbir, il-faċilitajiet, il-makkinarju u t-tagħmir;

trasport marbuta, u t-tindif u d-diżinfezzjoni tal-istabbiliment, l-art, l-ilma, il-ħamrija, il-mezzi ta' tkabbir, il-faċilitajiet, il-makkinarju u t-tagħmir;

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 19 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-ispejjeż ta' kumpens lill-operaturi għall-valur tal-pjanti, tal-prodotti ta-pjanti u oġġetti oħra meqruda b'segwitu għall-miżuri tal-qerda jew tat-trażżin tal-pesti jew kwalunkwe miżura ta' emerġenza oħra meħuda, fi ħdan il-limitu tal-valur normali fis-suq tal-pjanti jew tal-prodotti tal-pjanti immedjatament qabel kwalunkwe suspett jew konferma uffiċjali tat-tifqigħa tal-pesti;

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-programmi ta' sħarriġ annwali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sal-31 ta' Jannar ta' kull sena**, permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru **ta' dik is-sena**. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta'

2. Il-programmi ta' sħarriġ annwali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sat-30 ta' Novembru jew, fil-każ li l-baġit tal-UE ma jkunx ġie approvat, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru qabel is-sena preċedenti għall-bidu tal-programm u sussegwentement** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru **tas-sena tal-programmazzjoni**. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif

eliġibbiltà.

imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-programmi ta' stħarriġ pluriennali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sal-31 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

Emenda

3. Il-programmi ta' stħarriġ pluriennali u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sat-30 ta' Novembru jew, fil-każ li l-baġit tal-UE ma jkunx ġie approvat, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru qabel is-sena preċedenti għall-bidu tal-programm u sussegwentement** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida annwali jew pluriennali li **jkun fihom il-prijoritajiet** fitosanitarji, inklużi b'mod partikolari l-pesti li mhumiex individwati fit-territorju tal-Unjoni u l-pesti meqjusa bħala l-aktar perikolużi għat-territorju tal-Unjoni, u l-kriterji li jridu jintużaw fl-evalwazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ.

Emenda

5. Il-Kummissjoni, **wara li tikkonsulta mal-Istati Membri**, tista' tadotta linji gwida annwali jew pluriennali li **jissuġġerixxu l-prijoritajiet** fitosanitarji, inklużi b'mod partikolari l-pesti li mhumiex individwati fit-territorju tal-Unjoni u l-pesti meqjusa bħala l-aktar perikolużi għat-territorju tal-Unjoni, u l-kriterji li jridu jintużaw fl-evalwazzjoni tal-programmi ta' stħarriġ.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-programmi annwali għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sal-31 ta' Jannar kull sena** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru **ta' dik is-sena**. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

Emenda

2. Il-programmi annwali għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sat-30 ta' Novembru jew, fil-każ li l-baġit tal-UE ma jkunx ġie approvat, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru qabel is-sena preċedenti għall-bidu tal-programm u sussegwentement** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru **tas-sena tal-programmazzjoni**. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji kif imsemmija fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni tista' temenda tali deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-perjodu kollu ta' eliġibbiltà.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-programmi pluriennali għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sal-31 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

Emenda

3. Il-programmi pluriennali għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-finanzjament assoċjat għandhom jiġu approvati **sat-30 ta' Novembru jew, fil-każ li l-baġit tal-UE ma jkunx ġie approvat, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru qabel is-sena preċedenti għall-bidu tal-programm u sussegwentement** permezz ta' deċiżjoni tal-għotja b'rabta mal-miżuri implimentati u l-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Jannar tal-

ewwel sena ta' implimentazzjoni sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

Emenda

Laboratorji ta' referenza ***u ċentri ta' referenza għall-benesseri tal-annimali*** tal-Unjoni Ewropea

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 għall-ispejjeż li jwettqu biex jimplimentaw il-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni.

Emenda

1. L-għotjiet jistgħu jingħataw lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 ***u liċ-ċentru ta' referenza għall-benesseri tal-annimali msemmija fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru xxx/xxx dwar kontrolli uffiċjali*** (...) għall-ispejjeż li jwettqu biex jimplimentaw il-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni.

Emenda 41

Abbozz ta' regolament Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-ispiża tal-organizzazzjoni tat-taħriġ jew l-attivitajiet ta' skambju;

Emenda

(a) l-ispiża tal-organizzazzjoni tat-taħriġ jew l-attivitajiet ta' skambju, ***anki internazzjonali***;

Emenda 42

Abbozz ta' regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju,

Emenda

(a) l-ispejjeż **ta' teħid ta' kampjuni u** tat-testijiet tal-laboratorju,

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Tista' tingħata wkoll kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni bħala appoġġ għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mmirati biex jiżguraw attitudni mtejbha, konformi u sostenibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1.

Emenda

3. Tista' tingħata wkoll kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni bħala appoġġ għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni **mill-UE u l-Istati Membri** mmirati biex jiżguraw attitudni mtejbha, konformi u sostenibbli fl-implimentazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 1.

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi speċifikata sabiex tiġi evitata mewġa ta' applikazzjonijiet għall-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni.

Emenda 44

Abbozz ta' regolament Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti **ta' implimentazzjoni**, tadotta programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali komuni jew separati għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fit-Titolu II, għajr it-Taqsima 1 tal-Kapitolu I u t-

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti **delegati**, tadotta programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali komuni jew separati għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fit-Titolu II, għajr it-Taqsima 1 tal-Kapitolu I u t-

Taqsim 1 tal-Kapitolu II. *Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).*

Taqsim 1 tal-Kapitolu II.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat- Titolu II u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat- Titolu II, jew fejn tkun meħtieġa reazzjoni għall-iżviluppi mhux mistennija, il- Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet finanzjarji ad hoc skont l-Artikolu 84(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Emenda

3. Għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat- Titolu II u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat- Titolu II, jew fejn tkun meħtieġa reazzjoni għall-iżviluppi mhux mistennija, il- Kummissjoni għandha tadotta ***atti ta' implimentazzjoni li jistgħu jiġu applikati immedjatament skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu, u*** deċiżjonijiet finanzjarji ad hoc skont l-Artikolu 84(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Emenda 46

Abbozz ta' regolament Artikolu 38c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-

proċedura msemmija fl-Artikolu 38b(5). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Emenda 47

Abbozz ta' regolament Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, ***flimkien, jekk ikun il-każ, ma' proposti leġiżlattivi korrettivi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Artikolu 2.***

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Fejn xieraq***, il-benefiċjarji u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li ssir pubbliċità adegwata għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija skont dan ir-Regolament sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf bir-rwol tal-Unjoni fil-finanzjament tal-miżuri.

Emenda

1. Il-benefiċjarji u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li ssir pubbliċità adegwata għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija skont dan ir-Regolament sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf bir-rwol tal-Unjoni fil-finanzjament tal-miżuri.

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċjarji tal-finanzjament u l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jipprovdu informazzjoni dwar il-fondi mogħtija.

PROĊEDURA

Titolu	Il-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti
Referenzi	COM(2013)0327 – C7-0167/2013 – 2013/0169(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 13.6.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.6.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Franco Bonanini 4.7.2013
Eżami fil-kumitat	10.10.2013
Data tal-adozzjoni	5.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Elena Oana Antonescu, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Franco Bonanini, Biljana Borzan, Nessa Childers, Yves Cochet, Tadeusz Cymański, Spyros Danellis, Chris Davies, Esther de Lange, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Martin Kastler, Christa Klauß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Jo Leinen, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andrés Perelló Rodríguez, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Daciana Octavia Sărbu, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Bogusław Sonik, Dubravka Šuica, Glenis Willmott, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Sergej Kozlík, Marusya Lyubcheva, James Nicholson, Kārlis Šadurskis, Renate Sommer, Marita Ulvskog, Andrea Zanon

PROCĊEDURA

Titolu	Il-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti		
Referenzi	COM(2013)0327 – C7-0167/2013 – 2013/0169(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	7.6.2013		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 13.6.2013		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 13.6.2013	ENVI 13.6.2013	PECH 13.6.2013
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	PECH 10.7.2013		
Kumitat(i) assoċjat(i) Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 21.11.2013		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Agnès Le Brun 3.7.2013		
Data tal-adozzjoni	26.11.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	27 4 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Eric Andrieu, Liam Aylward, José Bové, Luis Manuel Capoulas Santos, Vasilica Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Hynek Fajmon, Iratxe García Pérez, Béla Glattfelder, Martin Häusling, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Agnès Le Brun, George Lyon, Mairead McGuinness, Marit Paulsen, Ulrike Rodust, Alfreds Rubiks, Czesław Adam Siekierski, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Alyn Smith, Ewald Stadler, Marc Tarabella		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Spyros Danellis, Giovanni La Via, Maria do Céu Patrão Neves, Milan Zver		
Data tat-tressiq	2.12.2013		